# Il-Gozo Action Group Foundation qiegħda toħroġ is-sejħa għall-Miżura 3 – GAG 3 - 'Attrazzjonijiet Għawdxin u Avvenimenti Innovattivi għall-istaġuni kollha' – (It-tielet sejħa) - taħt il-programm LEADER 2014-2020

Il-Fondazzjoni *Gozo Action Group Foundation* (GAGF) tħabbar li ħarġet is-sejħa għall-proposti, għall-miżura 3 taħt il-programm LEADER 2014 - 2020. Din l-Azzjoni tifforma parti mill-istrateġija għall-iżvilupp Lokali ta'Għawdex u Kemmuna.

Din il-miżura tipprovdi opportunitajiet ta' investiment f'infrastruttura u f'avvenimenti innovattivi li jsaħħu b'mod kumplimentari l-offerta tat-turiżmu f'Għawdex sabiex ittejjeb il-prestazzjoni matul l-istaġuni kollha, b'mod sostenibbli. Għal din is-sejħa, ġew allokati total ta' **€463,377.94 ta' fondi pubbliċi.**

L-applikanti għandhom jinkludu sħubija bejn operaturi tan-negozju b'interess dirett fit-turiżmu u/jew il-korpi tar-rappreżentanti tagħhom, Kunsilli Lokali u/jew entitajiet ta' governanza pubblika b'interess dirett fir-reġjun ta' Għawdex, u *NGO*s.

Se ssir sessjoni ta' informazzjoni *online* dwar din il-miżura nhar it-Tlieta, 3 ta' Jannar 2023 fil-11:00am. Kull entità interessata tista' tibgħat email fuq info@leadergozo.eu biex tiġi mistiedna għal din is-sessjoni.

Is-Sejħa għall-proposti se tiftaħ nhar it-Tnejn, 2 ta' Jannar 2023 bl-iskadenza għas-sottomissjonijiet tkun il-Ħamis, 26 ta' Jannar 2023 f'nofsinhar. Soġġett għad-disponibbiltà tal-baġit, l-iskadenza għas-sottomissjoni għat-tieni lott se tkun il-Ħamis, 23 ta' Frar 2023 f'nofsinhar.

L-iskadenza għas-sottomissjoni tal-kjarifiki hija l-Ħamis 19 ta' Jannar 2023, f'nofsinhar għall-ewwel lott. Soġġett għad-disponibbiltà tal-baġit, l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' kjarifiki fir-rigward tal-lott sussegwenti hija l-Ħamis 16 ta' Frar 2023.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bit-telefon fuq 2155 0322 jew permezz t' *email* fuq info@leadergozo.eu. In-Noti ta' Applikazzjoni u Gwida qed jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-GAL www.leadergozo.eu.

**Applikazzjonijiet li jiġu sottomessi tard ma jiġux aċċettati.**

**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014–2020**

LEADER
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)
Rata ta' Ko-finanzjament:
75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta

**Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali**
***L-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali***